# Tislima lil Dun Nazzarenu Caruana

Eddie Camilleri


Dun Nazzarenu Caruana

Kien saċerdot umli. Għallimtu fl-iskola Primarja, bqajt insegwih għal ħafna snin fl-iskola fejn kien imur u anke wara meta sar saċerdot. Kien dejjem attent għad-dmirijiet li kien iġorr bħala kappillan. Niftakar meta Mons. Arċisqof Mercieca sejjaħlu biex isir kappillan tal-parroċċa ġdida tal-Immakulata Kunċizzjoni, il-Ħamrun. Imbagħad Ħal Għaxaq u wara Ħal Lija u dan l-aħħar, l-Imqabba.

Kollha kellhom il-problemi tagħhom imma bl-għajnuna t'Alla, il-Kappillan Nazzarenu dejjem irranġa l-problemi li sab mill-aħjar li seta' u fl-opinjoni tiegħi, il-parroċċi baqgħu jaħdmu u l-festi titulari baqgħu jsiru. U prova ta' din l-armonija rajnieha fil-funeral tiegħu. Rajna r-rispett tas-saċerdoti u tal-poplu li kien preżenti. Kull fejn mar ħadem għall-paċi u fl-aħħar ta' ħajtu rajna l-paċi taħdem u dehret ċara kull fejn kien kappillan. Alla hekk ried. Kien jixraqlu u hawn il-Mellieħa dehret u nħasset ukoll.

